MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Numru. 218/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)**

**Vs**

**Paul Zammit ta' 26 sena, iben Carmelo u Georgina nee' Micallef, imwieled fil-11 ta' Marzu 1981, Pieta u residenti Flat 31, Blokk 8, Door D, triq il-ballut, San Gwann detentur tal-karta ta'l-identita' numru 145581(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Paul Zammit li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-15 ta' Ottubru 2005 f'xi hin bejn is-siegha u is-saghtejn ta' fil-ghodu gewwa Triq Sant'Anrija, San Giljan, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u

cioe’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAN993 tal-ghamla Fiat ghad-dannu ta’ Luke Vella liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 u dana bi ksur ta’l-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi,

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-20 ta’ Marzu 2007 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja a tenur ta’l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi dana l-incident ghandu bhala sfond tieghu glieda li inqalghet bejn l-imputat u certu Luke Vella u shabu, meta Luke Vella laqghat lill-imputat u it-tfajla tieghu filwaqt li dawna kienu qed jixtru hotdog mit-take away bl-isem Sunrise gewwa Triq Sant’Andrija, San Giljan. Hekk kif harrgu barra jidher illi sar xi diskors bejniethom u dawna spiccaw illitikaw. Il-glieda kompliet meta dawn saqu bil-vetturi rispettivi taghhom u waqqfu vicin it-traffic lights iktar ‘il isfel. Hawnhekk kemm Vella kif ukoll l-imputat nizzlu mil-vetturi taghhom u komplew jiggieldu. Kien hawn illi l-imputat xejjer daqqa ta’ sieq fuq il-bieba tal-vettura ta’ Vella filwaqt illi Vella agredixxa lill-imputat tant illi ikkagunalu feriti gravi f’wiccu. Fil-fatt ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta’ Luke Vella u dana in konnessjoni mal-griehi sofferti mill-imputat, liema proceduri illum jinsabu konkluzi.

Illi l-unici provi li jinsabu fl-atti processwali li jistghu jitfghu dawl fuq id-dinamika ta’ dan l-incident huma ix-xhieda ta’l-allegat vittma Luke Vella, ta’ Beatrix Fenech li kienet flimkien ma’l-imputat dak in-nhar ta’l-incident u l-istqarrija ta’l-imputat esebita bhala Dokument PZ4. Illi l-verzjoni moghtija mill-imputat u l-habiba tieghu hija kemmxejn differenti minn dik moghtija minn Luke Vella. Madanakollu

hemm qbil bejn dak li ighid l-imputat u Luke Vella illi fil-fatt l-imputat ta daqqa ta’ sieq fuq il-bieba tal-vettura ta’ Vella meta huma waqqfu vicin it-traffic lights ta’ San Giljan. Ma hemmx qbil izda ghar-rigward tal-hsara fuq in-naha ta’ wara tal-vettura ta’ Vella u dana peress illi ghalkemm l-imputat u Fenech it-tnejn ighidu illi kien Vella li irriversja ghal fuqu bil-vettura tieghu, Luke Vella isostni bil-kontra u cioe’ illi kien l-imputat li baqa’ diehel fih. Ghaldaqstant ghar-rigward tal-hsara fuq in-naha ta’ wara tal-vettura tirrizulta kunflitt fil-provi u ghalhekk l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-imputat ghal dina l-hsara.

Illi ghar-rigward tal-valur tal-hsara sofferta minn Vella fil-vettura tieghu jirrizulta illi huwa sewwa dina il-hsara ghand habib tal-familja certu Stephen Abela li ikkonferma l-istimi Dokumenti LV1 u LV2 bhala l-hsara li huwa sewwa fil-vettura tal-parti leza. L-ammont komplessiv jidher illi huwa ta’ Lm89.58. Illi dana l-valur ghalhekk jinkorpora kemm il-hsara fuq il-bieba kif ukoll il-hsara fuq il-bumper. Id-dokument LV1 huwa certament il-hsara tal-bumper filwaqt illi jidher illi l-ammont indikat fid-Dokument LV2 ta’ Lm70 jirreferi kemm ghal hsara fuq il-bumper kif ukoll ghal hsara tal-bieba. Illi minn dana il-Qorti ghalhekk tista’ tikkonkludi illi l-ammont tal-hsara li ghaliha l-imputa qed jinzamm responsabbli hija ta’ inqas minn Lm50 jew €116.47. Illi ghaldaqstant il-Qorti tista’ issib htija fid-dawl ta’ dak dispost fl-artikolu 325(1)( c ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-azzjoni a tenur ta’ dan id-dispost tal-ligi tista’ titmexxa biss bil-kwerela tal-parti offiza. Illi mid-deposizzjoni ta’ Luke Vella irrizulta illi huwa irrinunzja ghall-azzjoni kriminali meta xehed: “Jiena ma ghadx ghandi interess f’dawn il-proceduri, Jiena illum l-gurnata din is-sitwazzjoni bejni u bejn l-imputat irrangat ruhha.”

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 325(1) ( c ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara il-procediment esawrit fil-konfront ta’l-imputat fid-dawl tar-rinunzja tal-parti leza Luke Vella.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------